**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 91 / 15RGM

Kawza fil-lista: 13

**S M**
**vs**
**Z E f'isimha proprju u f'isem il-minuri F M u permezz tad-digriet datat 17 ta' Gunju 2015 l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-minuri;**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fl-24 ta' April 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg fit-tnejn ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (02.10.1999) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'certifikat numru wiehed sebgha disgha tnejn zbarra wiehed disgha disgha disgha (1792/1999).

Illi hdax-il xahar wara z-zwieg u cioe' fid-dsatax ta' Awissu tas-sena elfejn (19.08.2000) twieled tifel F M. Dan kif indikat fic-certifikat tat-twelid.

Illi sentejn wara it-twelid ta' F M, fid-dsatax ta' Awissu ta' l-elfejn u tlieta (19.08.2003) twieldet tifla, Martina M. Dan kif indikat fic-certifikat tat-twelid.

Illi ir-rikorrent kien jemmen illi l-istess F kien ibnu u qatt ma ssuspetta illi martu setghet qatt titradih ftit zmien biss wara z-zwieg taghhom. Ghalhekk ir-rikorrent qatt ma ddubita lil martu u fil-fatt ghaddew sabiex ikabbru il-familja u twieldet Martina M.

Illi lejn l-ahhar tas-sena 2014, il-partijiet kellhom problemi serji fiz-zwieg taghhom u r-rikorrent kellu indizji illi martu kellha relazzjoni ma' terzi persuni. Dan wasslu sabiex jivverifika jekk F u Martina kenux verament uliedu u r-rikorrent irrikorra ghal DNA testing taz-zewg uliedu sabiex jivverifika u jikkonferma jekk it-tfal imwielda waqt iz-zwieg kienux effettivament tieghu biologikament. Dan it-test ma giex oppost minn F M u ma kien hemm l-ebda forza sabiex isir.

Illi r-rikorrent irrikorra ghand Dr. Marisa Cassar sabiex hija taghmel DNA Testing taz-zewg ulied F M u Martina M.

Illi mir-rizultat tat-test tad-DNA illi gie rilaxxjat minn Dr. Marisa Cassar fil-11 ta' Novembru 2014, irrizulta lir-rikorrent li t-tifel ma kienx it-tifel biologiku tieghu. Fatt illi wegga lir-rikorrent iktar u iktar in vista tal-fatt illi t-tradiment sar biss ftit gimghat wara z-zwieg u illi dan kien fatt li nheba ghal erbatax-il sena.

Illi ghalkemm l-intimata inizjalment bdiet tichad il-veracita' tat-test tad-DNA hija sussegwentement accettatu izda qalet illi F M kien rizultat ta' abbuz sesswali - allegazzjoni illi wara konfront li sar mir-rikorrent, gie irtirat mil-intimata li ammettiet relazzjoni adultera.

Illi sussegwentement, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u huma pprocedew bis-separazzjoni personali, regolata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri datat 19 ta' Jannar 2015.

Illi l-intimata ammettiet illi F M ma huwiex il-wild naturali tar-rikorrent u li l-minuri huwa frott ta' relazzjoni adultera. Dan huwa rifless ukoll fil-kuntratt ta' separazzjoni li permezz tieghu saret dikjarazzjoni f'dan is-sens u l-partijiet ftehmu illi l-ebda manteniment ma huwa dovut ghall-istess F M.

Illi illum ma fadal assolutament l-ebda kuntatt bejn F M u r-rikorrent u l-fatt illi r-rikorrent ma huwhiex il-missier naturali ta' F M gie ikkomunikat lill-minuri illi accetta din ir-realta'.

Illi in vista tas-suespost, jikkonkorru l-elementi kollha ta' l-Artikoli 70(1)d u 70(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gialadarba kien biss fil-11 ta' Novembru 2014 illi r-rikorrent skopra illi F M ma huwhiex ibnu ghaddew oltre erbatax-il sena mit-twelid tal-minuri, ir-rikorrent irrikorra ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-awtorizzazzjoni sabiex ir-rikorrent jibda l-kawza biex jichad tifel F M imwieled matul iz-zwieg lil martu l-intimata.

Illi r-rikorrent gie awtorizzat jintavola l-proceduri odjerni ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Marzu 2015.

Illi illum huwa fatt maghruf u accettat illi F M ma huwhiex l-iben naturali tar-rikorrent u dan huwa ukoll maghruf mis-socjeta' in generali.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ir-rikorrent ma huwhiex il-missier biologiku ta' F M imwieled fid-19 ta' Awissu tas-sena 2000 okkorendo bl-opera ta' testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' tal-minuri F M;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-imsemmi F M, billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier il-wild, fejn hemm mnizzel li isem il-missier huwa l-attur bid-dettalji tieghu, dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-wild msemmija hija ta' missier mhux maghruf.

Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, illi nonostante li r-rikorrent ghamel referenza ghar-rikors bin-numru 132/15 ipprezentat fis-26 ta' Marzu 2015

quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma giex anness mar-rikors guramentat; ikun ghalhekk idoneju li jigi pprezentat fil-kawza odjerna u dan sabiex jigi zgurat illi l-imsemmi rikors sar ai termini tal-Artikolu 73.

2. Illi ghalkemm ir-rikorrent ipprezenta r-rapport ta' testijiet genetici li jindikaw li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F M, u li b'hekk sodisfatament ipprova ta’ lanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar. Barra minn hekk dan l-istess test tad-DNA ma jinkludiex it-testijiet genetici necessarji vis-a-vis l-omm Z E u 1-minuri F M. In vista ta' dan ikun idoneju illi l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitwettqu testijiet genetici ukoll fuq l-omm Z E detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 109778 (M), sabiex ma jkunx hemm ekwivoci dwar l-identita' ta' l-istess minuri F M, liema rapport ghandu jkun guramentat mit-tekniku li jwettaq l-imsemmi test;

3. Illi jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri F M, illi l-intimata Z E tispecifika l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri F M, tal-inqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

4. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F M a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem S M, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tal-minuri bin-numru progressiv 3018 tas-sena 2000;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal

xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi, nominati biex jirrappresentaw lil-minuri F M, pprezentata fit-28 ta’ Ottubru 2015, fejn iddikjaraw li mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fil-15 ta’ Mejju 2015, li maghha gie anness l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-konvenuta Z E pprezentata fit-2 ta’ Gunju 2015 li maghha gie anness l-affidavit taghha;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 2015, fejn il-Qorti nnominat bhala Avukat tat-Tfal lil Dr Stephanie Galea biex tirraprezenta l-intress giuridiku tal-minuri F M f’din il-kawza;

Rat r-rapport tal-istess avukat Dottor Stephanie Galea ppresentat fil-15 ta’ Lulju 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2015 fejn il-Qorti nnominat lil Dottor Marisa Cassar bhala espert giudizzjarju biex jsir mill-gdid ir-rapport tad-DNA;

Rat l-affidavit tal-istess Dottor Marisa Cassar ipprezentat fis-17 ta’ Frar 2016, li kkonfermat li l-attur mhux il-missier biologiku tal-minuri F M;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Frar 2016 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi.**

**L-attur S M**, fl-affidavit tieghu pprezentat b’nota tal-15 ta’ Mejju 2015, Fol 29, ikkonferma li zzewweg lill-konvenuta Z E fit-2 ta’ Ottubru 1999, li ftit gimghat wara z-zwieg qaltlu li kienet tqila. Hu kien sorpriz billi ghalkemm ma kienux juzaw protezzjoni waqt l-att taz-zwieg, hu kien jipprattika il-*withdrawal method*,

billi hu kien jahseb li kien ghadu kmieni wisq biex jkollhom familja. Kienu kellmu lit-tabib tal-familja Dottor Raymond Sammut, li kkonfermalhom li ma kien hemm l-ebda garanzija li l-mara ma tinqabatx tqila meta jkun hemm unprotected sex. Fid-19 ta' Awissu 2000 twieled F M u ezatt tlett snin wara fit-19 ta' Awissu 2003 twieldet it-tifla Martina M. Hu qatt ma kellu dubju dwar Martina, pero' r-relazzjoni tieghu ma F qatt ma kienet wahda ' close' billi dan kien minn dejjem izjed qrib lejn ommu. Fis-sena 2014 bdew il-problemi billi beda jissuspetta li kellha relazzjoni ma' haddiehor. Dan ghalhiex bdiet tohrog spiss, tiehu kura taghha innifisa, tahbi l-mobile u tircevi l-messaggi. Ghalhekk iddecida li jaghmel id-DNA test fuq it-tfal u rrizulta li F ma kienx ibnu. Hu hassu imwegga hafna ghax ikkonferma li martu ingannatu ghal erbatax il-sena shah, u li kellha relazzjoni ma' haddiehor, ftit gimghat biss wara z-zwieg. Meta kkonfrontaha bir-rizultat, l-ewwel qaltlu li t-test kien hazin, wara hafna insistenza da parti tieghu qaltlu li kienet giet abbuzata. Hu insista maghha ghad-dettalji dwar dan l-abbuz u fl-ahhar ammettiet li kellha relazzjoni izda ma qalitx min kien. In oltre, qaltlu li kellha relazzjoni adultera recenti. Dan wassalhom biex jisseparaw u fil-kntratt ta' separazzjoni ddikjarat li F mhux ibnu. Hu ddikjara li mill-gurnata li nduna ma xtaqx jarah aktar lil F, li ma kellu l-ebda reazzjoni, anzi sa min qabel hareg ir-rizultat tat-test it-tifel kien jinsisti ma' ommu li jitilqu mid-dar u ma jkomplux jghixu mal-attur. Wara s-separazzjoni, martu marret tghix ghand ommha bit-tfal. Hu ghandu access ghat-tifla izda lil F qatt ma rega' kelmu jew rah. It-tifel ma deherx sorpriz jew dispjacut b'dak li gara. Meta l-attur skopra li ma kienx missier F, qabel is-separazzjoni, ma kien hemm l-ebda reazzjoni da parti tieghu, qisu kien diga' jaf bil-verita'. Il-qraba u l-hbieb tal-attur jafu li F mhux ibnu, u li din kienet ir-raguni tas-separazzjoni. It-tifel jidher li dehra u hu kuntent jghix ma' ommu u n-nanniet materni u qatt ma ikkomunika mieghu. L-attur irrefera ghal dik il-parti tal-kuntratt tas-separazzjoni fejn hu rriserva id-dritt li jipprocedi legalment dwar il-fatt li F mhux ibnu u l-konvenuta kienet qaltlu li l-istess tifel xtaq il-kunjom taghha, cioe' 'E'. L-attur insista li ma jixtieqx li jibqa' formalment jidher li hu missier F, meta dan mhux minnu, u kull min jafhom jaf b'din il-verita'apparti l-fatt li ma hemm l-ebda interess jew kuntatt bejnu u il-minuri. L-attur jikkonkludi li dan kollu seta' jigi evitat kieku martu kienet onesta mieghu u qaltlu l-verita' mill-ewwel.

**Il-konvenuta Z E**, fl-affidavit taghha, anness man-nota tat-2 ta' Gunju 2015, Fol 36, tiddikjara li kienet taf mill-bidu nett li F mhux il-wild naturali tal-attur. Matul l-erbatax il-sena ta' zwieg kellhom kemm ferh kif ukoll dwejjaq u billi kien jghajjaraha werca, truxa u ccassata kienet bezghat tghidlu li F mhux t-tifel tieghu, anke billi kien aggressiv maghha. F'Novembru 2014 wara darha kien mar jaghmel it-test tad-DNA, hareg ir-rizultat wara tlett gimghat u beda jghajjarha 'qahba u ziebel' anke fil-presenza tat-tfal, u refa' idejh fuqha. Hi kienet mbezza u mhedda. Hi tghid li fil-bidu bezghet tghidlu l-verita' izda wara l-insistenza tieghu ammettiet. Minn dakinhar r-relazzjoni tal-attur mal-minuri spiccat, hu kien

kulljum jghajjarhom it-tnejn li huma ‘ipokreti u injoranti’. Lit-tifel beda jsawtu u jghajru kontinwament ‘ltim u bla missier, pufta’ u t-tifel, li kellu 14 il-sena beda jhossu umiljat. Billi kien sar ahdar mat-tifel hi rrangat mal-genituri taghha biex F jmur jghix maghhom, ma’ familja li jhobbuh, fejn ihossu milqugh u bla perikolu. It-tifel kien mar lura fl-iskola kien jikbi kuljum u ma setghax jifhem kif missieru ma riedux jghix mieghu gewwa daru. Hu dejjem haseb li l-attur kien missieru. Hi kkonfermat li qatt ma zammet kuntatt mal-missier biologiku tieghu, u li talbet lill-attur biex it-tifel jgib il-kunjom ‘E’ billi l-attur ma ried li jkollu l-ebda kuntatt mieghu. Hi kkonfermat li kienet tigi mhedda u mghajjra mill-attur anke qabel ma sar jaf b’din il-kwistjoni u kien ghalhekk li hi dejjem bezghet tghidlu. Is-separazzjoni ma kinitx biss rizultat ta’ din c-cirkostanza billi l-attur hu persuna li ma tistax tghix mieghu, billi kien jghajjar kemm lilha kif ukoll lit-tfal u kien minn dejjem abbuziv. Hi ddikjarat li saret pressjoni fuqha mill-attur biex ma tikkontesta xejn mill-kuntratt ta’ separazzjoni. Hi taqbel li t-tifel ghandu jkollu l-kunjom E flok M, anke ghax illum l-istess tifel jaf li l-attur mhux missieru.

**L-Avukat ta-Tfal Dottor Stephanie Galea**, fir-rapport taghha pprezentat fil-15 ta’ Lulju 2015, Fol 43 ikkonfermat li ltaqghet u tkellmet mal-minuri li illum ghandu 14 il-sena, li sa Novembru 2014 F kien jahseb li S M kien missieru, li qatt ma kellu relazzjoni tajba mall-attur billi dan kien aggressiv kemm mieghu kif ukoll ma’ ommu, li f’dak iz-zmien semaghhom jiggieldu u ha xokk meta l-attur qallu li ma kienx missieru. Billi r-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar, f’Dicembru 2014 mar jghix ghand in-nanniet materni, fejn hu kuntent jghix ma’ ommu u ohtu f’ambjent seren u trankwil u mhux ta’ glied u tghajjir bhal meta kienu jghixu mal-attur. Hu ma ghandux interess jkun jaf minn hu il-missier naturali tieghu billi dan kien abbanduna lil ommu.

Dott. Galea kkonkludiet li ghandhom jigu rispettati x-xweqat tat-tifel, billi minflok jibqa’ b’identita’ falza ta’ “M” u “iben S M” , ghandu ikollu kunjom ommu cioe’ “E” u li jkun indikat fuq ic-certifikat tat-twelied “missier mhux maghruf”.

Dottor Marisa Cassar Ph. D. fl-affidavit taghha ppresentat fis-17 ta’ Frar 2016, Fol 53 ikkonfermat li mit-testijiet tad-DNA li ghamlet jirrizulta li l-attur S M mhux il-missier bijologiku tal-minuri F M.

**Konsiderazzjonijiet.**

L-attur, S M, qed jitlob li jigi dikjarat u deciz li hu mhux il-missier biologiku tal-minuri F M,, li twieled fid-19 ta’ Awissu 2000, u biex l-att tat-twelid tal-istess minuri jigi emendat billi jigu ikkancellati d-dettalji tal-attur, fejn dan hu indikat li hu l-missier.

L-attur u l-konvenuta zzewwgu fit-2 ta' Ottubru 1999 u sseparaw b'kuntratt pubblikat fit-8 ta' Jannar 2015. Din il-kawza giet ipprezentata fl-24 ta' April 2015.

Skond l-**Artikolu 67 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta;

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Fil-kas in ezami, l-minuri F twieled kwazi 10 xhur wara iz-zwieg ta' ommu mal-attur, ghalhekk skond l-artikolu sussegwenti, Artikolu 68, jitqies li tnissel matul iz-zwieg.

L-Artikolu 70 jelenka is-sitwazzjonijiet specifici meta r-ragel jista' jichad li jaghraf lit-tifel. Skond is-subinciz (d) ta' dan l-artikolu, dan jista' jaghmlu jekk jipprova li fiz-zmien imsemmi fis-subinciz precedenti, martu kienet ikkommettiet adulterju, jew hbiet it-tqala u t-twelied tat-tarbija, u barra minnhekk jipprova xi fatt iehor ( li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'.

Skond is-subinciz (2) tal-istess Artikolu;

"Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni f'kawza li tkon tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel".

L-**Artikolu 73** jelenka z-zminijiet meta ghandha issir l-azzjoni ta' denegata paternita', u cioe' fi zmien sitt xhur mit-twelied, jekk f'dak iz-zmien kien jinsab Malta; f'zmien 6 xhur minn dik n-nhar li gie lura Malta jekk kien nieqes minn Malta; fizmien 6 xhur minn dik n-nhar li jikxef il-qerq jekk it-twelied kien gie lilu mohbi.

Skond il-proviso tal-istess Artikolu, il-Qorti tal-Familja tista', wara li jsir rikors mir-ragel, f'kull zmien tawtorrizzah jipprocedi b'din il-kawza.

Fil-kas in ezami jirrizulta li l-attur qabel intavola l-kawza talba u ottjena l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 73 imsemmi.

Hu sodisfatt ukoll dak rikjest mill-Artikolu 70 (d), billi saru t-testijiet tad-DNA li minnhom jirrizulta li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri F.

Dwar id-dikjarazzjoni tal-omm, Artikolu 70 (2), jigi rilevat li fil-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fit-8 ta' Jannar 2015 il-partijiet, inter alia, ddikjaraw, li ghalkemm F twieled fiz-zwieg, kien gie recentement stabbilt xjentifikament li it-

tifel mhux il-wild naturali tar-ragel. In oltre, l-omm fl-Affidavit taghha, Fol 36 u 37 tammetti li F mhux il-wild naturali tal-attur.

Irrizulta mir-rapportipprezentat mill-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea, li kellha l-opportunita' li titkellem mal-minuri, li illum mhux tifel zghir, billi f'Awissu li gej jaghlaq 16 il-sena, li dan hu perfettament konxju ta' dak li gara, cioe' li hu mhux bin l-attur, li fi kwalunkwe kaz qatt ma kellu relazzjoni tajba mieghu, u fil-prezent hu kuntent jghix flimkien ma' ommu u man-nanniet materni f'ambjent seren u trankwil, u mhux f'ambjent ta' glied u tghajjir kontinwu kif kienet il-konvivenza mal-attur.

Ghalkemm id-Direttur tar-Registru Pubbliku rrakkomanda li l-omm ghandha taghti l-konnotati tal-missier naturali ghax il-minuri ghandu d-dritt jkun jaf minn hu missieru, l-minuri assolutament ma jridx jkun jaf minn hu billi dan kien abbanduna lil ommu u ddikjara enfatikament li l-kunjom M, kunjom l-attur, jaghtih identita' falza, li hu jrid li l-kunjom tieghu jkun dak ta' ommu cioe' E u illi fic-certifikat tat-twelied jigi ndikat "missier mhux maghruf".

**Decide.**

Il-Qorti ghalhekk qed taqta' u tiddecidi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tal-konvenuta u tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-attur mhux il-missier biologiku tal-minuri F li twieled fid-19 ta' Awissu 2000;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jemenda l-Att tat-Tweliet tal-imsemmi minuri F, billi jigu kkancellati l-konnotati kollha tal-attur, jigu kancellati l-kliem "the said" u minflok jigu inseriti l-kliem "missier mhux maghruf". Tordna wkoll li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "E".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Z E.

**Imhallef** **Deputat Registratur**